# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 611/2007 JPG**

**Carmelo Farrugia**

**v.**

**Martin Chetcuti**

**Il-Qorti:**

1. F'dan l-istadju preliminari l-Qorti jeħtiġilha tikkonsidra talba tal-appellant Carmelo Farrugia, imressqa permezz ta' rikors ippreżentat fit-12 ta' Marzu 2020, sabiex jiġi ammess għall-benefiċċju ta' garanzija bil-ġurament inkwantu jallega li ma kienx possibbli għalih li jipproduċi depożitu fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont likwidat mir-Reġistratur għall-

kawtela tal-proċedura tal-appell. F' każ li din it-talba tiġi miċħuda, l-appellat talab lil din il-Qorti takkordalu terminu itwal sabiex iħallas il-kawtela indikata mir-Reġistratur tal-Qorti fl-avviż notifikat lilu fis-6 ta' Marzu 2020.

2. L-artikolu 904 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *"904.(1) Jista' jingħata lill-attur jew lill-appellant il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, meta huwa juri prima facie li għandu probabilis causa litigandi, u jaħlef li ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi.*
>
> *"(2) Il-qorti, fis-smigħ tar-rikors li bih jintalab biex il-garanzija tiġi mogħtija bil-ġurament, tista' tidħol fil-meritu, sa fejn dan jista' jiswa għad-deċiżjoni tal-kwistjoni dwar il-garanzija bil-ġurament."*

3. Isegwi li tnejn huma l-elementi meħtieġa biex l-attur appellant jingħata dan il-benefiċċju: (i) irid jaħlef illi ma rnexxilux iġib garanzija fil-forma li trid il-liġi u (ii) li juri, imqar prima facie, illi għandu *probabilis causa litigandi*.[1]

4. Dwar l-ewwel element surriferit, il-ġurisprudenza tistabbilixxi li m' huwiex biżżejjed li l-appellant jaħlef li ma jkunx irnexxielu jġib il-garanzija meħtieġa imma huwa neċessarju li tali ġurament ikun wieħed oġġettivament korrett u ppruvat. Għandhom ukoll jigu valorizzati l-kliem "*li ma rnexxilux iġib*":

> *"Dan ifisser li l-appellant kellu jissodisfa lill-Qorti li huwa kien b'kull mezz ragjonevoli ttanta jakkwista l-garanzija mehtiega skond il-ligi u li*

[1] Provvediment fil-kawża fl-ismijiet ***Pace Cecil et v. Bonello Emanuel A noe***, mogħti mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2015.

> *ma rnexxilux hekk jaghmel. Il-ligi thalli ghal kollox f'idejn il-gudikant, l-apprezzament tac-cirkustanzi biex jistabilixxi jekk l-isforzi li kellu jaghmel l-appellant biex jakkwista l-garanzija u li fihom ma rnexxiex kienux jissodisfaw il-vot tal-ligi. Lanqas ma taghti xi ndikazzjoni dwar x'kellhom ikunu dawn l-isforzi. Certament pero` l-appellant kien fl-obbligu li jaghmel dak kollu li kien umanament possibli biex jassigura li l-ordni tal-Qorti ghad-depozitu tal-garanzija mehtiega tigi sodisfatta."*[2]

5. Fil-każ taħt eżami, il-kawtela hija fis-somma ta' €6,210.23. Fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2020 l-appellant ippreżenta dokument bi 3 paġni biex juri l-qagħda finanzjarja tiegħu. Ikkonferma bil-ġurament li bħala assi għandu biss id-dar matrimonjali li fuqha hemm dejn dikjarat fid-dokumenti, u illi kultant ikun moruż fil-pagamenti peress li għandu ntrojtu ta' €200 fil-ġimgħa li mhux biżżejjed biex ikun jista' jgħix bil-familja u jħallas id-dejn. Iddikjara ukoll li għandu kawża pendenti fl-ismijiet ***Carmel Farrugia v. Joseph Zammit*** fejn għandu pretensjoni bl-imgħaxijiet għal kważi €200,000. Jiddikjara wkoll li għandu sehem ta' nofs indiviż minibus li nxtara bil-prezz ta' €25,000 u għadu qed iħallas sehmu lil ħuh.

6. Jidher li l-qligħ tal-appellant hu fi flus kontanti. Ma ppreżenta l-ebda rendikont fiskali jew dokument ieħor li jista' jattesta kemm effettivament jaqla' mill-attività tiegħu. L-appellant lanqas jispjega kif kien qiegħed iħallas *loan repayment* ta' €600 fix-xahar lill-Bank meta jaqla' biss €200 fil-ġimgħa. Pero` huwa minnu, skont il-*bank statement* datat 31 ta' Diċembru 2019 ppreżentat mill-appellant, li l-aħħar pagament

---

[2] Provvediment fil-kawża fl-ismijiet ***Debono William v. Coppini Saviour***, mogħti mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Jannar 2001

li għamel versu l-*home loan* kien f'Awwissu 2019 u fadallu jħallas bilanċ ta' €75,783.23.

7. Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda mogħtija u prodotta mill-appellant fil-Prim' Istanza. Jirriżulta minn dokument tal-*Public Transport Association*[3] li fl-2006 kellu dħul ta' Lm11,728.36 (ekwivalenti għal €27,319). Jirriżulta madanakollu li sussegwentement kellu problema ta' flus tant li fl-2008 kien issellef somma mingħand terzi li eventwalment ħadu passi ġudizzjarji kontrih.[4]

8. Din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li l-appellant m'għandux il-mezzi biex *de proprio* jipprovdi l-kawtela għall-garanzija tal-ispejjeż.

9. L-appellant ma ġabx prova tal-fatt li ttanta jakkwista b'xi mod ieħor il-garanzija meħtieġa skond il-liġi u li ma rnexxilux hekk jagħmel. Mid-dokumenti bankarji eżibiti mill-appellant jirriżulta li m'għandux flus il-Bank iżda biss dejn fuq *home loan* li huwa jħallas permezz ta' *cash payments* fis-somma ta' €600 mensilment. Il-Qorti tifhem għalhekk li probabbilment l-ebda bank ma kien ser jagħtih il-garanzija meħtieġa.

---

[3] Fol. 67
[4] Fol. 92, 95 u 140 u 144 et seq.

10. Fl-assjem ta' dawn ir-riżultanzi u x-xhieda ġuramentata tiegħu fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2020, il-Qorti hija sodisfatta li l-appellant lanqas hu f'posizzjoni li jġib il-garanzija meħtieġa.

11. L-ewwel rekwiżit hu sodisfatt.

12. Fir-rigward tal-element tal-*probabilis causa litigandi* l-ġurisprudenza tgħallem li:

> *"It-terminu probabilis causa litigandi ma jimportax fih innifsu d-definizzjoni prima facie tal-mertu, fis-sens li din il-Qorti kellha tasal prima facie ghall-konkluzjoni illi l-appellant seta' jirbah l-appell minnu ntavolat. Kien jinporta biss ezami da parti tal-Qorti tal-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt sollevati mill-appellant u r-risposta ghalihom da parti tal-appellat biex jigi stabbilit:-*
>
> *"(a) Li l-aggravju ma kienx wiehed frivolu u vessatorju;*
> *"(b) Li l-kwistjonijiet hekk imqanqla jkunu jimmeritaw approfondiment u nvestigazzjoni ulterjuri da parti ta' din il-Qorti; u*
> *"(c) Li tali approfondiment seta' ukoll iwassal ghad-decizjoni diversa minn dik li tkun waslet ghaliha s-sentenza appellata moghtija mill-Ewwel Qorti.*
>
> *"Dan ifisser illi l-Qorti ma kelliex tkun sodisfatta illi l-aggravju tal-appellant kien ser iwassal ghar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata. Il-kelma "probabilis" ma kienitx tirreferi ghall-ezitu finali tal-appell imma kienet tirreferi ghall-kawza tal-litigju. Il-Qorti kellha allura tkun biss sodisfatta li l-appellant kien gustifikat li jikkontesta s-sentenza appellata. Inkwantu din kienet tapprovah, b'aggravju li l-Qorti ta' Revizjoni tkun tqis li l-mertu tal-kawza jkun ghadu in diskussjoni ghax mhux adegwatament determinat."'*[5]

13. L-aggravji tal-appellant huma tnejn. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu jilmenta li l-Ewwel Qorti abbraċċjat fl-intier tagħha r-relazzjoni tal-perit legali mingħajr ma għamlet deliberazzjonijiet hi stess, meta l-istess

[5] Provvediment fil-kawża fl-ismijiet ***Debono William v. Coppini Saviour***, mogħti mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Jannar 2001.

relazzjoni hi: (i) monka għaliex iddikjarat li l-bażi tal-kawża tal-attur kienet diversa minn dik li attwalment kienet; u (ii) nieqsa minn apprezzament xieraq tal-provi. Jgħid li b'hekk l-Ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin u żbaljat fl-apprezzament tal-fatti. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant itenni li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin għal dak li jirrigwarda l-prinċipji legali applikabbli għall-każ in eżami, għal dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova kif ukoll l-obbligi naxxenti minn kuntratt ta' appalt, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni fatti allegati mill-konvenut appellat meta dan lanqas biss ifformula l-istess allegazzjonijiet f'xi waħda mill-eċċezzjonijiet imqajma minnu. Biss biss l-aggravju dwar l-apprezzament tal-provi jitlob li din il-Qorti tikkunsidra l-provi kollha li tressqu u tiddetermina hemmx bazi biex tħassar jew tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-kwantita` ta' provi li tressqu u fejn ingħataw verżjonijiet differenti. Eżami *prima facie* ma jwassalx lill-Qorti sabiex tikkonkludi li dan l-appell sar b'kapriċċ.

14. Din il-Qorti, wara li rat ukoll it-tweġiba tal-appellat u s-sentenza tal-ewwel Qorti, tqis li *prima facie* l-aggravji jimmeritaw li jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti. L-element ta' *probabilis causa litigandi* jirriżulta għalhekk sodisfatt ukoll.

Għal dawn il-motivi t-talba ta' l-appellant biex jiġi ammess għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, *ai termini* ta' l-artikolu 904 tal-Kap. 12 qed tiġi milqugħa. Spejjez riżervati għall-ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr